MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 260/2010

**Public Boradcasting Services Ltd (C13140)**

**vs**

**Mark Grima**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-20 ta’ Lulju 2010, fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett elef hames mija w erbghin Ewro (€3,540) rapprezentanti prezz ta’ servizzi ta’ reklamar lilu rezi fuq il-mezzi taghha tax-xandir, flimkien ma’ l-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontrih li minn issa qed jigi ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Eugenio Mallia datata 4 t’April 2011, fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif

moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 14 tergo).

Illi l-konvenut gie notifikat b'din il-kawza wkoll permezz t'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 t'April 2011 u fil-gazetta lokali The Times datata 24 ta' Mejju 2011.

Rat illi fis-seduta tat-25 ta' Mejju 2011 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef hames mija w erbghin Ewro (€3,540) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------